Minuti tal-Laqgħa Nru. 23 tas-Seba' Kunsill Lokali ta' Il-Gżira li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv, 283/1, Triq d' Argens, Il-Gżira, nhar it-Tnejn, 13 ta' Ġunju 2016 fil-5.30 p.m.

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | il-Membri |
| Sindku/Chairman | Is-Sur. Conrad Borg Manche |
| Il-Kunsilliera | Is-Sur. Ralph Mangion<br>Is-Sur. Joe Galea<br>Is-Sur. Neville Chetcuti<br>Is-Sur. Wayne Hewitt<br>Is-Sur. Jeremy Cardona<br>Is-Sra. Graziella Schembri |
| Aġent Segretarju Eżekuttiv | Is-Sur. Michael Portelli |

## AĠENDA

---

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti
2. Punti Mqajjma mill-minuti
3. Korrispondenza
4. Segretarju Eżekuttiv
5. Approvazzjoni ta' Ħlasijiet
6. Aġġornament

## 1.0 QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1 Il-minuti kienu approvatti.

## 2.0 PUNTI MQAJJMA MILL-MINUTI

2.1 Il-Kunsillier Hewitt saqsa biex jara l-kuntratt tal-kuntrattur li jiġbor l-iskart imħallat. Is-Segretarju semma li huwa kien ra dan il-kuntratt iffirmat mill-kuntrattur u kien jonqos jiffirmah is-Segretarju preċedenti. Il-Kunsillier Hewitt saqsa biex dan il-kuntratt jiġi muri waqt il-laqgħa.

2.2 Il-Kunsillier Cardona saqsa fuq punt 2.4. Is-Segretarju semma li huwa kien bagħat email biex tintwera għall attenzjoni tal-Kumitat u qal li anki s-Sur. Fabian Borg kien wissiehom. Huwa qal li d-dokumenti kienu irritornati lura l-Kunsill.

2.3 Fuq punt 2.8 is-Segretarju semma li dan kien settled.

## 3.0 KORRISPONDENZA

**Monument għall Albert Rizzo**

3.1 Is-Sindku semma li jekk il-Monument li kellu jsir lill Albert Rizzo kellu jsir pariċċ dak li hemm ta Willied Apap ma kienx ikun hemm problema. Huwa qal li b' paragun ma dak ta Willie Apap dan il-Monument kien se jkun kbir wisq.

3.2 Is-Sindku semma li idealment il-Monumenti li kien hemm għall personalitajiet dawn jitneħħew minn hemm u jitpoġġew kollha post wieħed.

3.3 Il-Kunsillier Galea qal li peress li Albert Rizzo kien iddistingwa ruħu f' diversi oqsma naraw jekk dan jistax isir fejn hemm it-traffic island ta fejn l-A1. Is-Sindku qallu li kien diġa saru l-pjanijiet kollha biex dan isir fil-Ġnien.

3.4 Is-Sindku semma li huwa kien se jmur mal-familjari ta' Albert Rizzo għand l-iskultur biex jerġa jkellmu fuq id-daqs. Is-Sindku semma li huwa kien kellem lis-Sur. James Rizzo fuq l-idea li dawn imorru kollha post wieħed u dan ma kienx sabx oġġezzjoni.

### Uffiċċju Amministrattiv

3.5 Is-Sindku semma li rigward l-uffiċċju huwa kien se jibgħat email bl-offerta li kien qed jitlob l-Kunsill fuq il-prezz biex jinbiegħ l-uffiċċju biex dan il-quddiem jekk ikun hemm qbiel u jkun hemm post alternattiv lest ikun jista jinbiegħ sabiex il-Kunsill ikollu uffiċċju ġdid.

**Il-Kunsillier Hewitt talab biex jiġi skużat fis-7.10 p.m.**

### Sistema CCTV għall Gżira

3.6 Is-Sindku semma li fuq il-proġett li kien se jsir għas-CCTV cameras fil-lokalita kien hemm xi problema minħabba tad-Data Protection. Il-Kunsillier Hewitt semma li nistgħu nagħmlu tabelli li fil-lokalita hemm sistema tas-CCTV biex in-nies ikunu avzati. Is-Segretarju qal li huwa se jikteb lill-Kummissarju tad-Data Protection biex ikollu gwida aħjar.

### Gym tal-Iskola

3.7 Is-Sindku semma li fuq il-proġett tal-gym huwa kien se jkollu laqgħa mas-Surmast tal-Iskola.

### Infurzar

3.8 Il-Kunsillier Chetcuti semma li fuq id-dgħajsa li kien hemm fejn il-pont din kienet waslet biex titneħħa.

### Festa tal-lokalita u armar

3.9 Is-Sindku semma li huwa ma kienx jaqbel mal-gabbani li kien hemm tal-festa ta' kull sena għax dawn itellfu l-bejgħ lil tal-ħwienet u restaurants li hemm max-Xatt. Il-Kunsilliera Schembri qalet li dawn joħolqu ħafna atmosfera ta' festa.

3.10 Huwa qal li tal-ħwienet ma kinux kellmuh imma xtaq li jekk dan jiġi bzonn koperazzjoni minhom għall Kunsill Lokali, dawn isibhom.

3.11 Is-Sindku semma li huwa kien sab minn fejn jista jinxtara fustun biex jinxtegħel mat-tul tax-Xatt kollu għall prezz ta Euro 2,700 bil-bozoz inkluzi li jkunu LED's. Il-Viċi Sindku semma li huwa jaf persuna li tista tagħti prezz tajjeb, is-Sindku qallu biex filkaz jagħmel kuntatt magħha u jġib stima.

**Tenders u Espressjonijiet t' Interess**

**Handyman**

3.12 Is-Sindku semma li fuq l-Espressjoni t' Interess tal-handyman kien hemm offerta waħda li kienet tas-Sur. Charles Spagnol. Huwa qal li għalhekk il-Kunsill Lokali kellu jara kif inhu s-servizz li dan jagħti. Huwa qal li l-Kunsill Lokali kien se jkompli juza s-servizz tal-ħaddiema ta' barra fuq xogħol baziku u l-handyman jagħmel xogħol aktar tas-sengħa. Il-Kunsilliera qablu ma din il-proposta.

**Contracts Manager**

3.13 Is-Sindku qara rapport imħejji mill-Kumitat tal-Evalwazzjoni rigward l-Expression of Interest tal-Contracts Manager fejn kien hemm tlett offerti minn Relos Services Ltd, is-Sur. Lawrence Mallia u Syntheses Ltd.

3.14 Il-Kunsillier Galea saqsa l-Kunsill Lokali x' kien qed jistenna bħala xogħol mill-contracts manager. Is-Sindku qal li dan irridu niddiskutuh mal-persuna li tintgħazel mill-Kunsill fuq dan is-servizz.

3.15 Is-Sindku semma li kien hemm bzonn kbir ta'persuna li ddur fuq it-toroq i tisspezzjona speċjalment fuq it-tindif u fejn qed isiru xogħolijiet ta' kostruzzjoni billi bħalissa fil-Gzira qed isiru abbuzi kbar speċjalement fil-kostruzzjoni.

3.16 Il-Kunsillier Hewitt qal li rridu naħdmu orarji mal-persuna magħzula għall beneficċju tal-Kunsill

3.17 Is-Sindku ippropona lis-Sur. Lawrence Mallia għall dan ix-xogħol fuq diversi raġunijiet li anki kien semma l-Kumitat tal-Evalwazzjoni. Il-Kunsilliera prezenti kollha qablu mal-proposta tas-Sindku li jintgħazel is-Sur. Mallia għall dan ix-xogħol.

**Proġett tal-Bandli**

3.18 Is-Sindku qal li kien hemm tlett offerti għall Proġett tal-Bandli li l-Kunsill kien għażel l-orħos żewġ offerti (JGC Ltd u Gokker Ltd). Dawn it-tnejn kellhom laqgħa mal-Perit tal-Kunsill fejn dan qallhom biex jipprovdu play equipment alternattiv minn dak li kienu ipprovdew fit-tender. Is-Sindku qal li peress li kien se jsir il-proġett tar-refurbishment kollu minn naħa tat-Turiżmu fi ftit taż-żmien ieħor dan ix-xogħol ma kienx se jservi għal tul ta'żmien għax kien se jerġa jinqala kollox. Huwa qal li għalhekk ma jaqbilx li l-Kunsill jagħmel ħafna spejjeż għax dan huwa temporanju u l-proġett minn naħa tat-Turiżmu huwa iminenti li jsir.

3.19 Il-Kunsilliera preżenti qablu ma din il-proposta.

**Il-Kunsilliera Hewitt u Chetcuti talbu biex jiġu skużati fis-7.00 p.m.**

**Xogħolijiet**

3.25 Is-Sindku qal li kien avviċinat minn Dr. Juice li xtaq jagħmel imwejjed barra l-ħanut fit-Triq. Il-Kunsillier Galea qal li rridu noqgħodu attenti li ma nagħlqux il-bankina. Is-Sindku qal li għalhekk jaqbel li ninfurmawh li l-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni imma jrid ikollu ukoll applikazzjoni mill-PA.

3.26 Is-Sindku semma li kien qed ikun hemm diversi applikazzjonijiet għall tower cranes fil-lokalita li rridu naraw aħjar fuqhom. Il-Kunsillier Galea qal li kien hemm xi komunikazzjoni mill-PA biex matul iż-żminijiet tas-Sajf ma jkunx hemm xogħolijiet ta' kostruzzjoni u twaqqiegħ f' żoni turistiċi.

**Il-Kunsillier Galea talab biex jiġi skużat fis-7.10 pm.**

**Tindif u Knies**

3.27 Is-Sindku semma li huwa kien se jkellem lill-kollettur tal-iskart separat biex naraw kif nistgħu nipprovdu servizz ta ġbir ta skart lill-uffiċċini u jħallsu għalih huma billi kien hemm ħafna uffiċini bl-impjegati li kienu qed jiġġeneraw ammont kbir ta' skart. Il-Kunsilliera qablu ma din l-idea.

3.28 Il-Kunsillier Cardona ssuġġerixxa biex ikun hemm Kunsillier responsabbli ta' żona partikulari u b' hekk jara li jkun hemm l-ordni f dik iż-żona li tagħha jkun responsabli. Is-Sindku qabel ma din l-idea.

3.29 Is-Sindku semma li huwa kien lesta schedule bil-frekwenza u l-ħinijiet li għandhom jinkinsu t-toroq ġewwa l-Gżira u l-ammont ta nies li kien hemm bżonn biex dawn jinkinsu. Huwa qal li din is-schedule kien għaddiha lid-Direttur tal-Cleansing għad diskussjoni għax kellu jkollhom appuntament imma dan kien tħassar. Huwa qal li din il-lista kien anki għaddiha lill-Ministru u dan kien jaf biha u kien kellem lid-Direttur tal-Cleansing.

3.30 Is-Sindku semma li fuq ir-rimi tal-loqom tas-sigaretti nistgħu nagħmlu bins ġewwa l-Gżira bir-reklami fuqhom li nġibu sponsors tagħhom u jkun hemm qliegħ għall Kunsill.

**Traffic Management**

3.31 Il-Viċi Sindku semma li hemm bżonn naraw fuq ir-reserved parking li hemm madwar il-Gżira u mhux jintużaw biex fil-każ jitneħħew.

## 4.0 SEGRETARJU EŻEKUTTIV

4.1 Is-Sindku semma li fil-kaz tas-Segretarju Ezekuttiv kienu saru l-intervisti lill-aktar ħamsa li kien hemm kompetenti. Huwa qal li kien se jkellem lis-Sindku ta' Ħal Safi biex jippreparah fuq din id-deċiżjoni.

## 5.0 APPROVAZZJONI TAL-ĦLASIJIET

5.1 Ma kienx hemm items taħt dan is-suġġett.

## 6.0 AĠĠORNAMENT

Minħabba li ma kienx hemm affarijiet oħra, l-laqgħa ntemmet fit-8.00 p.m.

Konfermati llum ______________________ 2016

__________________ __________________

Conrad Borg Manché
Sindku

Michael Portelli
Aġent Segretarju Eżekuttiv